MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 492/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**
**v**

**CARMEL VELLA bin Anthony u Frances nee' Vella, imwieled fit-2 ta' Lulju 1950 u residenti 'Mel Rose', Triq Marziena, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 58250(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **CARMEL VELLA** bin Anthony u Frances nee' Vella, imwieled fit-tnejn ta' Lulju 1950 u residenti 'Mel Rose', Triq Marziena, Munxar, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 58250(G) gie mressaq quddiemha

u akkuzat talli fid-dsatax ta' Settembru, 2005 ghal habta tal-ghaxra neqsin kwart ta' bil-lejl, fil-Yatch Marina, Mgarr, Ghawdex;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

2. talli hebb ghal Anthony Attard minn Ghajnsielem sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;

3. talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg iebsin, (lasta bil-ganc) lill-istess Anthony Attard, jew qabad l-istess oggett iebes kontra n-nies.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.

Semghet ix-xhieda ta' Anthony Attard, Freddie Borg, Pinu Bigeni, Stella Attard, PC 861 Joseph Cassar u PS 187 Mario Cassar u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 339(d) u 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti l-ewwel [1] w it-tielet [3] akkuza jirrizultaw ppruvati w ghalhekk **il-Qorti, tiddikjara li ssib lil imputat CARMEL VELLA <u>hati ta' dawn z-zewg akkuzi</u> u tikkundannah ghal canfira dwar l-ewwel [1] akkuza u ghal hlas ta' amenda ta' hmistax [15] il-lira maltin ghat-tielet [3] akkuza, filwaqt li tiddikjara li <u>ma ssibux hati tat-tieni [2] akkuza</u> u tilliberah minnha**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------